MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 357/2002/1

**Chalman Catering Company Limited**

**vs**

**Henneke Critien u Spectrum Travel Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Frar, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm354.00), prezz ta' ikla fil-post u zmien indikati fuq inkarigu tal-konvenuta Henneke Critien liema prezz baqa' ma thallasx nonostante diversi premessi li dan kien ser jithallas.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta’ l-Att V ta’ l-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm354.00).**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**